# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 199/20MH**

**Illum 2 ta' Frar, 2022**

**Mark Anthony Muscat (K.I. Nru. 409077M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali; u HSBC Bank Malta plc (C-3177) għal kull interess illi jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrent Mark Anthony Muscat tat-3 ta' Marzu 2020** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*"Jiddikjara bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:*

*Illi in segwitu ghas-sentenza moghtija fil- 05 ta' Dicembru 2017, fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Mark Muscat vs HSBC Bank Malta plc (SM) (Rikors Nru.153/2013), fil-21 ta' Dicembru 2017, l-esponent intavola appell minn dik is-sentenza u liema appell sallum ghadu ma giex appuntat.*

*Illi sussegwentement u minkejja li kien gie ntavolat l-appell mis-sentenza msemmija huwa rcieva kont minghand ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali ta' tmient elef u erba' mija u tlieta u erbghin Ewro u sittax il-centezmu (8,443.16 euros) bhala drittijiet tar-registru fir-rigward dik l-istess sentenza appellata.*

*Illi fis-16 ta' Mejju 2018 l-esponent gie notifikat b'ittra ufficjali, mibghuta minghand ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali li biha gie nterpellat ihallas s-somma fuq msemmija.*

*Illi minkejja li gialadarba s-sentenza in kwistjoni giet appellata d-dritt fuq msemmi ma huwiex ezekwibbli, fl-erbgha (4) ta' Frar 2020 inhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-esponent b'dan li dak inhar stess l-Bank of Valletta bhala sekwestratarju gibed l-ammont fuq imsemmi mill-kontijiet bankarji tal-esponent.*

*Illi sussegwentement l-esponent gie notifikat fid-dar tieghu b'dan il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv permezz tal-marixxal, izda dak inhar huwa effettivament ma gie notifikat b'ebda taxxa ufficjali.*

*Illi fl-erbatax (14) ta' Frar 2020 l-esponent intavola rikors fejn talab il-hrug ta' kontro-mandat fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fuq msemmi, u waqt li kienu qeghdin isiru xi investigazzjonijiet fuq is-sistema elettronika tal-Qorti, l-esponent intebah li kienu nhargu zewg dokumenti ta' taxxa ufficjali li stranament kienu qeghdin indikati daqslikieku kienu diga gew notifikati lilu fl-imkien mal-mandat tas-sekwestru izda l-esponent jistqarr li dan assolutament ma kienx minnu!*

*Illi dawn iz-zewg dokumenti ta' taxxa kienu nhadmu wahda fl-erbgha (4) ta' Frar 2020 fejn gie llikwidat il hlas ta' €164.97 bhala drittijiet u spejjez ta' Mandat ta' Sekwestru Nru: 177/20, u l-ohra fil-31 ta' Jannar 2020 fejn gie llikwidat il hlas ta' €8,443.16 ghad-dritt tar-Registru oltre l-hlas ta' €11,930 ghad-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali rispettivi tal-partijiet fil-kawza hawn fuq citata.*

*Illi r-rikorrent jixtieq jattakka din it-taxxa bhala rregolari u konsegwentement inattendibbli ghal zewg ragunijiet principali:*

*(i) Gjaladarba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell it-taxxa finali tad-drittijiet ma setghetx tigi kkalkolata qabel ma jigi deciza l-Appell u ghaldaqstant d-drittijiet lanqas ma jistghu jkunu ezekwibbli f'dan l-istadju. F'dan ir-rigward l-Qorti ghandha tkun gwidata mill-Artikolu 11(2) tat-Tariffa A tal-iskeda A tal-Kap 12 li jipprovdi illi r-Registratur ghandu jara li tithejja taxxa tal-ispejjez finali u li kopja taghha tintbaghat lill-partijiet u lill-avukati u l-Prokuraturi Legali taghhom fi zmien xahar mill-ghoti tas-sentenza finali.*

*Il-paragrafu 13 tat-Tariffa E jirregola d-dritt li għandu jiġi ntaxxat ad valorem fuq is-sentenza finali favur l-avukati tal-partijiet meta l-kawża tkun dwar somma flus. Il-paragrafu ta' wara jipprovdi illi meta d-deċiżjoni tkun dwar punt ta' fatt*

*jew ta' liġi imma jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattiv għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13. A tenur tal-paragrafu 40, il-prokuraturi legali huma ntitolati għal terz tad-dritt stabbilit fit-Tariffa għall-avukati, izda lkoll fi stadju biss fejn tkun inghatat sentenza definittiva u mhux mod iehor.*

*(ii) Il-metodu ta' ntaxxar uzat mir-Registratur kien erronju u rregolari.*

*Jirrizulta car hafna mill-inkartament li r-registratur hadem it-taxxa ad valorem u applika b'mod inkorrett u arbitrarju l-provvedimenti tal-paragrafu 3 ghal kaz odjern. Dan ghaliex huwa hadem t-taxxa fuq ammont ta' flus daqslikieku dan l-ammont ma kienx jikkoncerna talba ghal- hlas ta' pagi li ma gewx imhallsa kif fil-fatt huwa l-kaz.*

*Is-subartikolu 4 tal-paragrafu 3 tat-Tariffa fl-iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid s-segwenti:*

*"d-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma japplikawx iżda jitħallas dritt ta' darba ta' ........................................... €100"*

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost, r-rikorrent jinsisti li anke li kieku r-rikors guramentat ma kienx jikkoncerna hlas ta' pagi, xorta wahda t-taxxa kienet tkun inhadmet hazin mir-Registratur, u dan ghaliex il-valur tat-talba ma huwiex wiehed ċert u likwidu hekk kif jista' jigi stabbilit mit-talbiet tal-kawza u mid-dikjarazzjoni dwar id-danni li kienet saret mir-rikorrent fil-mori tal-kawza. Dan aktar u aktar meta l-anqas fis-sentenza appellata ma gew likwidati xi danni.*

*Ghalhekk anke kieku t-talba (u l-valur) ma kienx jikkoncerna hlas ta' pagi, r-Registratur kien ikun obbligat japplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 minflok tal-artikolu 3 tal-istess skeda A.*

*Minkejja li r-rikorrent, fil-kors tal-kawza, kien issottometta dikjarazzjoni li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li fil-fehma tieghu, seta' jigi determainat ladarba jigi stabbilit id-dritt tiegħu, l-valur baqa' wiehed li la huwa cert u wisq anqas likwidu.*

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi hekk, l-istess paragrafu 4 fis-subartikoli (2) u (3) jipprovvdi li:*

*(2) Meta, minkejja r-regoli li hemm fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu, il-valur jibqa' mhux ċert jew mhux likwidu, id-dritt intaxxat għandu jkun mhux inqas minn .................................. €700.*

*(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-Reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ*

*Illi minghajr pregudizzju ghas suespost, peress li t-talba fil-fatt tikkoncerna hlas ta' pagi li ma gewx imhallsa, anke li kieku ghal xi raguni ma setghax jigi applikat il-paragrafu 3, t-taxxa ghandha tigi mahduma billi jittiehed in-nofs tal-valur kontemplat fit-Tariffa fl-iskeda A taht l-artikolu 4 hekk kif provdut taht il-provvediment tal-paragrafu 1 tat-Tariffa fl-iskeda A li jghid illi "…… talbiet għall-ħlas ta' pagi jew talbiet għal terminazzjoni inġusta ta' impieg, id-drittijiet kollha preskritti f'din it-Tariffa, bl-eċċezzjoni tat-tariffa msemmija fil-paragrafu 3, għandhom jitnaqqsu bi ............. 50%:"*

*Ir-rikorrent qieghed janticipa li ser titqajjem id-difiza li l-ghemil tar-registratur kien uzu jew drawwa applikata tul is-snin li ftit li xejn (jew sahansitra qatt) ma giet opposta. Bir-rispett kollu lejn ir-Registratur , r-rikorrent jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli ghal artikolu 1009 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid b'mod skjett illi:*

*1009. Kull użu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi m'għandux ikollhom effett*

*Illi huwa zgur ukoll illi lanqas ma jista' jinghad li c-cirkostanza kontemplata mill-Legislatur meta jghid "tikkoncern hlas ta' pagi" kellu f'mohhu ghad-drittijiet fir-rigward proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali ghaliex dawn tal-ahhar regolati b'ligi specjali cioe taht l-avviz legali 48 tal-1986 li jipprovvdi dritt massimu ta' LM40 (erbghin lira maltin - €93.02).*

*B'hekk ir-rikorrent huwa talfehma illi t-taxxa ma tista' qatt tigi kkalkolata skont il-metodu uzat mir-Registratur.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, jghidu l-intimati, ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:*

*1. Tiddikjara nulla, irritwali u inattendibbli t-tassazzjoni tad-drittijiet maghmula mill-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali fil-kawza fl-ismijiet Mark Muscat vs HSBC Bank Malta plc (SM) , Rikors Nru.153/2013, u deciza mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil- 05 ta' Dicembru 2017 fir-rigward id-drittijiet u spejjez gudizzjaraji in kwantu tali tassazzjoni saret fuq bazi erronja u rregolari.*

*2. Tordna lill-istess intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali jerga' jintaxxa d-drittijiet fil-kawza precitata, sija dawk tar-Registru kif ukoll ta' dawk li huma dovuti lill-konsulenti legali u lill-prokuratur legali, billi titnaqqas skond il-ligi u johrog taxxa gdida hekk kif emendata.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati"*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument annessi mar-rikors promotur.

Rat **ir-risposta tas-soċjeta' ntimata HSBC Bank Malta plc tal-24 ta' Lulju 2020**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*"Li permezz taghha tecepixxi s-segwenti:*

*Illi hija qeghda tirrispingi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet hawn taht elenkati;*

*Nuqqas ta' Integrita tal-Gudizzju*

*Preliminarjament, jibda billi jinghad, illi l-Ligi tezigi li kull min ghandu interess f'proceduri ta' ritassa ghandu jigi notifikat bl-istess;*

*Illi dawn il-partijiet interessati ghandhom jinkludu ghalhekk dawk il-legali li kien hemm jippratrocinaw il-partijiet fil-kawza 152/13SM;*

*It-talba hija Preskritta*

[1] Fol 12 et seq

*Illi, jigi eccepit oltre, illi t-talba tar-rikorrenti ghar-ritassa hija perenta bit-terminu ta' xahar skont il-Ligi (vide Artiklu 62 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Illi jirrizulta illi r-rikorrenti, kif jaccenna fir-rikors tieghu, gie debitament notifikat fis-16 ta' Mejju 2018 (Ittra Numru 833/18) b'ittra ufficjali li permezz taghha gie interpellat ihallas (kopja annessa u mmarkata Dok HSBC 1);*

*Illi ghalhekk, it-talba tar-rikorrenti hija preskritta skont il-Ligi ghaliex intavolata oltre x-xahar li tikkoncedi l-Ligi;*

*Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti imkien ma jitlob dikjarazzjoni illi tali notifika ma sehhetx jew li sehhet b'mod inkorrett u ghalhekk it-talba, kif dedotta, hija improponibbli;*

*Azzjonijiet ohra kompjuti mir-Registratur*

*Illi, tajjeb jinghad illi fil-fatt dina l-Qorti, diversament ippreseduta, diga awtorizzat lir-Registratur jizbanka l-flus depozitati taht ic-cedola li saret in segwitu ghas-sekwestru li nhareg fl-ismijiet 'Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal vs Muscat Mark' liema sekwestru (177/2020) nhareg abbazi tat-titlu ezekuttiv li ottjena r-Registratur;*
*Illi ir-rikorrenti fl-ebda waqt ma kkontesta l-mandat ta' sekwestru;*

*Id-Dritt tar-Registru*

*Illi safejn jaf l-esponenti, imkien ma r-Registratur qieghed jikkontendi li t-taxxa kontestata hija taxxa li tirrigwarda sentenza finali ghaliex filwaqt li hemm l-obbligu fuq ir-Registratur sabiex ihejji taxxa fi zmien xahar mid-data tas-sentenza finali, imkien fil-Ligi m'hemm projbizzjoni fuq l-istess Registratur li jhejji taxxa qabel ma tinghata sentenza finali (anki ghaliex l-attur, sew jekk jirbah sew jekk jitlef, ghandu l-obbligu li jhallas id-dritt lir-Registratur. Imbaghad, casomai l-kawza titrebah minnu, huwa jgawdi d-dritt ta' rivalsa kontra t-tellief);*

*Illi, in kwantu komputazzjoni, jigi rilevat illi r-Registratur mexa in linea mal-artiklu 14 tat-Tariffa E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta meta hadem u hareg it-taxxa ad valorem u dan ghaliex, kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrenti fil-paragrafu (ii) tar-rikors tieghu, il-Ligi ma titkellimx dwar valur li ghandu jitqies bhala "wiehed cert u likwidu", proprju ghaliex il-Ligi titkellem minflok dwar 'valur determinat jew determinabbli skont il-Ligi jew mill-process.' (emfazi mizjuda);*

*Illi kif kellhom okkazjoni jirrilevaw il-Qrati taghna, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti;*

*Illi dan jinghad proprju ghaliex ir-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-process, minnu pprezentat, jiddikjara illi b'kollox huwa soffra telf ta' €830,000 u dan oltre dak li huwa jsejjah bhala telf ulterjuri ta' bejn €60,000 u €70,000;*

*Illi kif qalet il-Qorti f'Leo u Ines konjugi Micallef vs Registratur Qrati Civili u Tribunali (deciza fit-3 ta' Ottubru 2019, Rik Nru 279/14) – "l-attur Leo Micallef qal hekk: 'Jiena qed nirreklama danni ta' €900,000'.*

*Asserzjoni ripetuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu f'dik il-kawza. Ghalhekk il-massa litigjuza hija ben stabbilita – minn halq l-attur innifsu. Ir-Registratur mexa korrettement meta ntaxxa fuq dan il-valur."*

*Illi donnha l-Qorti f'din il-kawza kellha f'mohhha lir-rikorrenti f'dawn il-proceduri, ghaliex Mark Muscat qua attur ukoll talab hlas kompensattiv ta' €900,000 u tali cifra tidher fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-istess attur ipprezenta – u li ghadu jirreklama sal-lum permezz tal-appell li huwa interpona.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-bank esponenti jitlob li t-talbiet tar-rikorrenti Muscat jigu michuda in toto, bl-ispejjez kontra tieghu."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument annessi mar-risposta.

Rat **ir-risposta tal-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali tat-30 ta' Lulju 2020**[2] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Bil-qima jgħid:*

1. *Illi din hija kawża ta' ritassa magħmula mir-rikorrent rigward il-kawza 153/13SM fl-ismijiet Muscat Mark vs HSBC Bank Malta plc. L-eċċipjenti jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiħu miċħuda inter alia minħabba s-segwenti raġunijiet:*

2. *Illi preliminarjament, fl-ewwel lok u bla preġudizzju l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 64(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta Ii jippreskrivi terminu ta' xahar biex wieħed jattakka taxxa. F'dan il-każ rikorrent ġie notifikat b'ittra uffiċjali għal ħlas tad-dritt tal-esponenti mis-16 ta' Meju 2018. L-Art 64 tal-Kap 12 ikompli jgħid fir-rigward ta' kif jiddekorri it-terminu ta' xahar illi "dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa,*

[2] Fol 17 et seq

*u, għad-debitur li jkun regolarment in-notifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in- notifika."*

3. *Illi fit-tieni lok u wkoll bla preġudizzju, ai termini tal-artikolu 64(2) tal-Kap 12 kellhom jiġu ukoll kjamati in kawża il-partijiet kollha interessati, li ma sarx u kwindi din il-proċedura anke minn dan il-lat hija monka.*

4. *Illi fil-meritu jingħad illi dwar l-ewwel ilment tar-rikorrenti, u cjoe' li d-dritt tar-reġistru mhux dovut peress li huwa intavola appell mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti, dan assolutament ma jreġix. L-attur isostni illi skond it-Tariffa A il-ħlas għandu jsir wara "s-sentenza finali". L-esponent jaqbel ma' dan imma jagħti tifsira differenti minn dik li jagħti l-attur għal kliem "sentenza finali". L-esponent jagħmel differenza bejn "sentenza finali" u "sentenza res judicata". Meta I-leġislatur ried jagħmel referenza għas-sentenza li tkun għalqet il-vertenza kollha dejjem għamel użu mill-kliem "res judicata" imma meta ried ifisser l-aħħar sentenza fi stadju wieħed għamel użu mill-kelma "finali" - hekk illi fl-artikolu 231 jispeċifika: "Jekk diversi kwistjonijilet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali". Jidher ċar illi 'sentenza finali' m'hijiex dik li tingħata fl-appell imma dik li tingħata fi kwalunkwe stadju. L-attur f'din il-kawża jrid li d-dritt tar-reġistru jinġabar wara s-sentenza res judicata iżda dan il-liġi ma tgħidux.*

5. *Illi l-attur jittenta jargumenta wkoll li la darba huwa għamel appell, allura s- sentenza tal-prim istanza mhix eżeġwibbli. L-esponenti jtenni li sentenza appellata mhix eżeġwibbli bejn il-partijiet, iżda d-dritt tar-reġistratur ma jitnissilx mis-sentenza imma mid-dritt li tagħtih il-liġi għas-servizz li jkun offra. Kieku d-dritt tar-Reġistratur kien jemerġi direttament mis-sentenza kieku r- reġistratur ma kienx ikollu għalfejn jibgħat ittra uffiċjali ai termini tal-art. 253(c) tal-Kap 12 imma kien jgħaddi għall-eżekuzzjoni direttament. Imma għaliex id-dritt tiegħu li jitħallas joħroġ wara li jkun offra is-servizz li jkun intalab mill-partijiet fil-kawża hu ikun għad irid irendi bħala eseġwibbli dak id-dritt intaxxat minnu permezz ta' ittra uffiċjali u f'dan il-każ ir-reġistratur għamel dan permezz tal-ittra uffiċjali 833/2018 ippreżentata fit-12 ta' Marzu 2018 u debitament notifikata.*

6. *Illi fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għas-suespost il-kawża de quo ma hiex il-proċedura idoneja sabiex tiġi attakkata jew diskussa l-eżeġwibilita o meno tad-dritt tar-reġistru dovut lill-esponenti.*

7. *Illi r-rikorrent jirreferi wkoll għal fatt li meta ntbagħatet l-ittra uffiċjali mir-Reġistratur għal-ħlas tad-dritt tar-Reġistru, ma kienx hemm taxxa annessa magħha. Bil-qima jingħad illi dan għaliex it-taxxa li qed jirreferi għaliha r-rikorrenti ma torbotx lill-esponenti, iżda torbot lill-partijiet involuti fil-kawża. Id-dritt tar-Reġistru huwa eżeġwibbli kif gja intqal permezz tal-artikolu 253(c) (Kap.12) u huwa dak id-dritt li ġie notifikat bih ir-rikorrenti fl-ittra uffiċjali fuq imsemmija. Di piu jingħad ukoll illi l-attur kien notifikat b'avviżi mibgħuta lilu qabel ma ġiet intavolata l-ittra uffiċjali u dan għażel li jinjorahom. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti ġie notifikat permezz ta' att ġudizzjarju li rrenda dan id-dritt tar-Reġistru eżekuttiv skond il-Liġi.*

8. *Illi kwantu għal fatt illi l-attur jipprova jpinġi stampa fejn jgħid li nħarġu żewġ taxxi, bil-qima jingħad illi taxxa rigward il-kawża de quo ħarġet waħda biss u hija dik mertu ta' dawn il-proċeduri, filwaqt illi t-taxxa l-oħra li jsemmi hija t- taxxa li tkun inħarġet in segwitu għal mandat ta' sekwestru ppreżentat mill-eċċipjenti li jġib in-numru 177/2020.*

9. *Illi dato ma non concesso, il-Qorti tqis li t-talba tal-attur għal ritassa mhux preskritta ai termini tat-tieni eċċezjoni, bil-qima jingħad illi xorta waħda ma għandux raġun fit-talbiet tiegħu in meritu għal kif inħadmet it-taxxa in kwistjoni.*

10. *Illi in rigward jiġi rilevat illi fit-talbiet tiegħu f'kawża 153/13 SM ir-rikorrenti kien talab inter alia l-likwidazzjoni ta' danni kif ukoll il-kundanna tal-intimat f'dik il-kawża ta' dawk id-danni likwidati. A fol 543 tal-proċess tal-kawża 153/2013 li tagħha qed tintalab din ir-ritassa r-rikorrent tenna li t-telf kemm fil-qliegħ attwali u kemm qliegħ futur tiegħu kien jammonta għal €830,000 u kien fuq dan l-ammont li ġiet ikkalkolata t-taxxa ta' dik il-kawża.*

11. *Illi r-rikorrenti jargumenta wkoll li la darba ma ġiex likwidat ammont għandu japplika l-para. 4(2) jew (3) tat-Tariffa A annessa mal-Kap.12. korrett. Il-paragrafu 4(2) japplika biss meta l-kawża tkun qed tiġi ppreżentata u qabel ma il-kawża tkun bdiet tiġi trattata filwaqt li l-para 4(3) japplika wara li tingħata s-sentenza u l-valur tal-kawża jibqa' mhux*

*likwidat. Tajjeb li jingħad li dan l-istess paragrafu jgħid li dan il-valur jista' jiġi determinat mill-partijiet jew mill-qorti. U kif gja ingħad aktar il fuq ir-rikorrenti kien stqarr li l-ammont li kellu jiġi likwidat kien ta' €830,000.*

12.*Illi kif inhu risaput il-valur tal-kawża jitnissel jew mit-talbiet jew mill-atti tal-kawża jew mit-tema li tkun qed tiġi kontestata. Illi f'dan il-każ jekk wieħed iħares lejn it-talbiet wieħed jirriżultalu li dawn it-talbiet iwasslu għal likwidazzjoni ta' danni u ħlas u għalhekk għall-passaġġ ta' flus: "Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, it-tassazzjoni ad valorem hija ibbażata fuq talbiet li twasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan." (Kollez.Vol: LI.ii.811). Di piu kif intqal fis-sentenza Dr. Giuseppe Pace et vs Dr. Giuseppe Vella noe et (1/10/948) it-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit- talba kontenuta fic-ċitazzjoni fis-sens tal-oġġett tagħha, u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li hu in disputa jista' jirriżulta kemm mill-inkartament jew raġonevolment indott jew determinat minn dak li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talba li tiġi proposta tkunx akkolta jew miċħuda".*

*Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum ghas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrenti.

Rat il-provi mressqa b'rabta mal-eċċezzjonijiet imsemmija.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża odjerna titratta talba mressqa mir-rikorrent sabiex din il-Qorti tiddikjara nulla, irritwali u inattendibbli t-taxxa tad-drittijiet magħmula mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fil-kawża fl-ismijiet **Mark Muscat vs HSBC Bank Malta plc (Rik 153/13)** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Diċembru 2017 fir-rigward id-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji in kwantu din it-taxxa saret fuq bażi erronea u rregolari. Huwa qed jitlob lill-Qorti tordna r-ritassa tad-drittijiet fil-kawża msemmija, kemm dawk tar-Reġistru kif ukoll dawk dovuti lill-konsulenti legali u lill-prokuratur legali, billi jitnaqqsu skont il-liġi u tinħareġ taxxa hekk kif emendata.

Fil-mertu l-intimati jirrespinġu l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-istess intimati jissollevaw ukoll eċċezzjonijiet ta' natura preliminari fosthom dawk marbuta mal-preskrizzjoni li huma mertu tas-sentenza tal-lum.

**Fit-tieni eċċezzjoni tal-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali** jingħad li –

*"Illi preliminarjament, fl-ewwel lok u bla preġudizzju l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 64(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jippreskrivi terminu ta' xahar biex wieħed jattakka taxxa. F'dan il-każ ir-rikorrent ġie notifikat b'ittra uffiċjali għal ħlas tad-dritt tal-esponenti mis-16 ta' Mejju 2018. L-Art 64 tal-Kap 12 ikompli jgħid fir-rigward ta' kif jiddekorri t-terminu ta' xahar illi "dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

**Fit-tieni eċċezzjoni tal-intimat HSBC Bank Malta plc** jingħad li –

*"....it-talba tar-rikorrenti għal ritassa hija perenta bit-terminu ta' xahar skont il-liġi (vide Artiklu 62* ***(recte 64)*** *tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*[3]

*Illi jirriżulta illi r-rikorrenti, kif jaċċenna fir-rikors tiegħu, ġie debitament notifikat fis-16 ta' Mejju 2018 (Ittra Numru 833/18) b'ittra uffiċjali li permezz tagħha ġie interpellat iħallas....*

[3] L-artikolu li ġustament kellu jiġi ċitat huwa l-artikolu 64 tal-kap 12. Il-Qorti tqies l-artikolu ċċitat bħala ***typo***.

*Illi għalhekk, it-talba tar-rikorrenti hija preskritta skont il-liġi għaliex intavolata oltre x-xahar li tikkonċedi l-liġi."*

**Ikkunsidrat:**

1. Mill-atti jirriżulta li:

i. **Fil-5 ta' Diċembru 2017** ingħatat sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Mark Muscat vs HSBC Bank Malta plc (Rik 153/13)** li minnha ġie ntavolat appell fil-21 ta' Diċembru 2017. Dan l-appell għadu mhux appuntat;

2. **Fis-16 ta' Mejju 2018** ir-rikorrent ġie notifikat b'ittra uffiċjali Nru 833/2018 maħruġa mir- Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali permezz ta' liema huwa ġie nterpellat sabiex iħallas is-somma ta' €8,443.16 dovuta bħala drittijiet tar-Reġistratur in konnessjoni mal-kawża msemmija[4];

3. Ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni ta' ritassa fit-3 ta' Marzu 2020.

**L-artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"64.(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

Minn din id-dispożizzjoni tal-liġi titnissel il-kompetenza tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li jintaxxa d-drittijiet u l-ispejjes tal-partijiet f'kawża u li joħroġ it-taxxa relattiva. It-terminu stabbilit għal talba għal ritassa huwa ta' xahar li jiddekorri b'żewġ modi:

a. minn dakinhar li tinħareġ it-taxxa fil-konfront tal-persuna li tkun talbet it-taxxa;

[4] Fol 35

u

b. minn dakinhar tan-notifika tat-taxxa b'att ġudizzjarju fil-konfront tad-debitur li jkun qed jintalab iħallas.

Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jaqa' taħt it-tieni kategorija.

Huwa dritt tal-parti nteressata li timpunja dik it-taxxa fi żmien utli. Kemm il-darba dak iż-żmien jghaddi mingħajr ma jittieħdu l-proċeduri imsemmija fl-artikolu ċitat, dik it-taxxa ma tkunx tista' tiġi aktar kontestata u ssir titolu eżekuttiv a tenur tal-artikolu 253 (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ fl-ismijiet **Avukat Dr Tonio Azzopardi vs Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et deċiż fis-17 ta' Mejju 2013**[5] ingħad hekk -

*F'sentenza tal-Prim Awla, datata 26 ta' Ottubru, 2010, Ċitazzjoni Numru. 450/2008, fil-kawża bl-ismijiet "**Joseph Bonello et vs Ir-Registratur tal-Qorti et**" saret referenza għall-kawża fl-ismijiet "**Speranza Gatt et vs Dr. Albert Libreri et**" deċiża fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal:-*

*"... Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss."*

*Hu f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Hu għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa tkun tista' tiġi attakkata. Kif jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħra, hu meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak."*

[5] Rik Nru 198/10

Elenkati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, l-Qorti tqis li huwa nkontestat mill-provi li r-rikorrent ġie notifikat bl-ittra uffiċjali 833/2018 fis-16 ta' Mejju 2018. Il-proċeduri odjerni għal ritassa ġew intavolati fit-3 ta' Marzu 2020 u ċioe' aktar minn wieħed u għoxrin xahar wara d-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali msemmija.

La l-artikolu 64 tal-Kap 12 suċċitat jestabilixxi terminu perentorju ta' dekadenza ta' xahar min-notifika tal-ittra uffiċjali li, fil-każ tar-rikorrent, ilu ferm li skada, l-azzjoni minnu mressqa quddiem din il-Qorti ma tistax tipproċedi ulterjorment għax hija preskritta skont il-liġi.

L-eċċezzjonijiet tal-intimati huma għalhekk ġustifikati.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati rispettivament;**

2. **Tiċħad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep.Reġ.**